Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 6 ta' Jannar 2016 fil-5pm.**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**G.Leone Ganado– Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba u awgurat is-sena t-tajba lill-membri kollha.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduti Nru.15 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Membru G. Leone Ganado issekonda hekk kif gew emmendati.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kumitat iddiskuta dwar t-traffic calmer fi Triq il-Markiz J. Scicluna. Waar diskuzzjoni, gie deciz li ghalkemm din it-traccic calmer giet approvata minn naha ta' TM, din ma ssirx ghalissa minhabba li din it-triq qieghda fir-rotta l-gdida tat-transport pubbliku. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Il-Kumitat gie nfurmat li l-attivita' li saret hdjen il-kappella tal-Madliena, kienet wahda ta' success peress li attendew hafna residenti li kollha kellhom kliem ta' tifir ghall-organizzazzjoni ta' din l-attivita'. Ic- Chairperson ipprezentat il-kontijiet relatati ma' l-infiq ta' l-ikel fil-waqt li l-Vici Chairperson ipprezenta l-kontijiet tat-tindif u l-prezenza tal-gwradjani lokali.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Hija staqsiet dwar ir-retention tal-parti ta' fuq ta' Triq il-Pedidalwett u l-entartura tal-Fortizza. Wara diskuzzjoni, gie deciz li din tigi rilaxxata a bazi li x-xoghlijiet kollha jigu spejgati u ccertifkati mill-Perit tal-Kunsill. Ghaldasqtant gie deciz, li fis-seduta li jmiss, il-Perit jkun prezenti sabiex jispjega fid-dettal dawn ix-xoghlijiet.

2. Hija rreferiet ghall-kostruzzjoni ta' bankina ta' quddiem il-villel fi Triq il-Madliena. Hija nfurmat li regghet tablet lill-MEPA sabiex jintbaghtu l-livelli ta' din it-triq pero' sa issa dawn ghadhom ma ntbaghtux.

3. Rigward it-tibdil tal-pjan lokali fiz-zona tal-Madliena, il-Kumitat wera d-dizapunt tieghu peress li s-suggermenti kollha tieghu flimkien ma' rekomandazzjonijiet tal-pubbliku gew injorati.

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

<u>Mill-Vici Chairperson</u>

1. Il-Vici Chairperson staqsa jekk l-art pubblika ta' quddiem il-villel fi Triq il-Madliena tistax tigi zvillupata. Ghaldaqstant huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli jsir studju dwra il-vantaggi u l-izvantaggi ta' din il-possibilta'.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela<br>Chairperson | Hugh Zammit<br>Segretarju Ezekuttiv |

**III RAPPORTI MILL-MEMBRI- ikomplu**

Mill-Membru G. Leone Ganado

1. Huwa ssugerixxa li jsir pjan ta' l-immangjar tat-traffiku fi Triq il-Veduta u Triq M. Aguis. Wara diskuzzjoni, gie deciz li jsir appuntament mal-kuntrattur responsabli.

2. Il-Membru staqsa sabiex jekk hu possibli jsir embellishment fejn hemm il-funtana fi Triq M. Scicluna. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li dwar dan l-ahjar li jsir appuntatemtn mal-kuntrattur resposnabli.

3. Rigward in-neighboru hood watch, huwa nforma li sfortunatament s'issa ghadhom ma sarux kuntatti mar-residenti sabiex jigi stabbilit min huma dawk interessanti li jippartecipaw f' din l-inzijattiva.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-Membru infurmat infurmat li hemm bzonn jsir xi tindif hdejn il-Victoria Lines u ghalhekk talbet sabiex jigi infurmat il-kuntrattur resposnabli sabiex jtina stima ghal dawn ix-xoghlijiet.

2. Hija fakkret li ghad hemm xi hitan tas-sejjiegh fiz-zona tal-Madliena li qeghdin fi stat hazin u jistghu jkunu ta' periklu ghal min jkun ghaddej minn dawn it-toroq. Hija staqsiet sabiex tinkiteb ittra lill-awtoritajiet ikkoncernati ghall-ghajnuna finanzjarja ghall-kostruzzjoni ta' dawn il-hitan. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jaghmel dan.

3. Il-Membru rreferiet ghall-applikazzjoni tal-MEPA PC 14/15 u qalet li dwar din ghadha ma ttihditx decizjoni mill-MEPA.

4. Il-Membru ikkumentat dwar l-ittra li kellha tintbaghat lill-Melita, hi ssostniet li l-ittra ghandha tkun cara bizzejjed li qabel ma jisr kwalunkwe xoghol fuq art pubblika, il-Melita ghandha dejjem tavza lill-Kunsill Lokali u ggib il-permessi mehtiega. Dan mhux biex inaqqas mill-fatt li x-xoghol sar sew u li l-Kumitat Amministrattiv kien kuntent bix-xoghlijiet li saru.

Din il-laqgha spiccat fit-7.30pm u sar qbil li l-laqgha li jmiss ssir nhar l-Erbgha 17 ta' Frar 2016 fil-5pm

Mary Anne Abela
Chairperson

Hugh Zammit
Segretarju Ezekuttiv